**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA**

**LAQGĦA NRU 14**

**It-Tlieta, 6 ta' Mejju 2025**

Il-Kumitat Permanenti għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika ltaqa' fil-Kamra tal-Kumitati fil-binja tal-Parlament, il-Belt Valletta, fis-1.36 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**PREŻENTI**

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Ryan Callus u l-Onor. Mark Anthony Sammut.

**MINUTI**

Il-Minuti tal-laqgħa 13 tas-27 ta' Novembru 2024 kienu approvati.

**DOKUMENTI**

Għall-fini ta' rekords l-Ispeaker informa lill-Kumitat illi huwa kien għadda lill-Membri:

Dok. 36 Rapport dwar Investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/062 datat 28 ta' Novembru 2024 dwar ilment dwar *Żvelar ta' informazzjoni dwar inkjesta maġisterjali, bi ksur tal-liġi*

Dok. 37 Rapport dwar Investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/039 datat 5 ta' Diċembru 2024 dwar ilment dwar *Nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' proprjetà immobbli mid-deputat parlamentari Dr Ian Castaldi Paris*

Dok. 38 Rapport dwar Investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/063 datat 20 ta' Diċembru 2024 dwar ilment dwar

*Għoti ta' permess biex il-Kap Eżekuttiv tal-Istitut għal Studji Turistiċi jaċċetta cruise b'xejn, minkejja li dan kien jammonta għal kunflitt ta' interess*

**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI MILL-KUMMISSARJU GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA (KAŻ K/069)**

L-Ispeaker għamel referenza għar-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika dwar il-każ K/069 li huwa kien irċieva mill-istess Kummissarju u li kien għadda mill-ewwel lill-membri tal-Kumitat.

Il-Kumitat qabel li r-rapport bir-referenza K/069 għandu jsir pubbliku.

Dok. 39 Rapport dwar Investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/069 datat 24 ta' Marzu 2025 dwar ilment dwar *Użu ta' riżorsi pubbliċi għall-finijiet ta' pubbliċità personali*

**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI MILL-KUMMISSARJU GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA (KAŻ K/067)**

L-Ispeaker għamel referenza għar-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika dwar il-każ K/067 li huwa kien irċieva mill-istess Kummissarju u li kien għadda mill-ewwel lill-membri tal-Kumitat.

Il-Kumitat qabel li r-rapport bir-referenza K/067 għandu jsir pubbliku.

Dok. 40 Rapport dwar Investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/067 datat 11 ta' April 2025 dwar ilment dwar *Użu ta' riżorsi għall-finijiet ta' pubbliċità personali*

**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI MILL-KUMMISSARJU GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA (KAŻ K/072)**

L-Ispeaker għamel referenza għar-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika dwar il-każ K/072 li huwa kien irċieva mill-istess Kummissarju u li kien għadda mill-ewwel lill-membri tal-Kumitat.

Il-Kumitat qabel li r-rapport bir-referenza K/072 għandu jsir pubbliku.

Dok. 41 Rapport dwar Investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/072 datat 21 ta' April 2025 dwar ilment dwar *Għemil ta' dikjarazzjonijiet mhux veritieri dwar il-konċessjoni tal-Forti Chambray*

Il-Kumitat qabel illi għal-laqgħa li jmiss ikun mistieden il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika sabiex jippreżenta t-tliet rapporti (Dok. 39, Dok. 40 u Dok. 41) u jwieġeb xi mistoqsijiet li jista' jkollhom il-Membri.

Fis-1.40 p.m. il-Kumitat aġġorna għal data li tiġi komunikata aktar tard.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**